SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-ħmistax -il laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar it-Tlieta 18 ta' Dicembru 2012 fit-8.00 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Anthony Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Cassar

*Membri:* Mikelina Mercieca
John Mercieca
Rose Vella

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati

3.0 **Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingĦand l-istudent Patrick Martin li huwa resident f'San Lawrenz fejn talab lil Kunsill sabiex jisponsorjah f'xi esperjenza ta' studju tiegħu barra minn Malta. Il-Kunsill wera x-xewqa tiegħu li jghin lil dan l-istudent pero' bħalma għamel f'każijiet oħrajn, minħabba l-limiti finanzjarji tieghu, l-Kunsill ma laqax it-talba tiegħu.

3.2 Ġiet trattata wkoll il-korrispondenza mingħand il-Gozo Horse Racing fejn talbu għal xi

sponsor f'xi kompetizzjoni tat-tlielaq taż-żwiemel. Il-Kunsill qabel li minħabba l-limiti finanzjarji ma għandux jissieħeb f'din il-kompetizzjoni.

3.3 Ġiet trattata l-*email* mingħand il-Malta Event Design dwar talba sabiex issir ċerimonja taż-żwieġ fid-Dwejra u għal xi kundizzjonijiet li l-Kunsill kien implikalhom u r-risposti tagħhom dwarhom. F'dan ir-rigward il-Kunsill ħaseb li jkun aħjar li jintalbu l-kundizzjonijiet tal-MEPA f'dan ir-rigward u jiddeċiedi dwarhom fil-laqgħa li jmiss.

3.4 Ġiet trattata ittra mingħand il-Kapillan tal- Parroċċa dwar *overlapping* ta' attivitajiet organizzat mill-Kunsill u mill-parroċċa sabiex jiġu evitati kemm jista jkun. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġbu li l-intenzjoni ma tkun qatt li ntellfu lill- parroċċa mill-attivitajiet tagħha iżda dawn il-ħargiet qed jigu organizzati biex jingħata svogg lil min jgħix waħdu jew bżonn li joħroġ billi jingħaqad ma' persuni oħra.

3.5 Saret referenza għat-talba mressqa mingħand l-Għaqda Drammatika San Lawrenz sabiex il-Kunsill jissieħeb magħhom fl-organizzazzjoni tal-attivita' San Lawrenz by *candlelight* fl-okkażżjoni tal-pagaent tal-Milied. L-Għaqda talbet sabiex il-Kunsill jgħin fl-ispejjes tax-xemgħa li jinħtieg jinxtraw. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li peress li din is-sena mhux ser iżejjen it-toroq tiegħu għhall-festi tal-Milied, xieraq li jħallas parti mill-ispejjes tax- xemgħa, sa massimu ta' €500 biex fl-istess ħin jkun qed jinkoragixxi dawn l-inizzjattivi.

3.6 Saret referenza għall-email mibgħuta mill-Inginier Joseph Portelli rigward il-proġett tat-Tindif tal-Wied il-Kbir tad–Dwejra, li ser ikun iffinanzjat mid-Direttorat tal-Proġetti u l-iżvilupp. Il-Kunsill qabel perfettament mal-proġett u mal-*method statement* tiegħu.

**4.0 Għażla tal-offerti tal-Bring-in-Sites**

4.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-offerti mitfugħa u l-prezzijiet tagħhom:-

| | |
|---|---|
| JGC Ltd | Option 1 - €26,800 u Option 2 - €27,600 |
| Reactilab Ltd | Option A - €34,724. Option B - €35,576 u Option C - €36,119 |
| Greenskip Services Ltd | €28,174.56 |

I4.2 Il-Perit Godwin Sultana li huwa nkarigat minn dan il-proġett evalwa l-offerti u b'email mibgħuta minnu kkonferma li l-orħos offerta dik ta' JGC Ltd għal prezz ta' €26,800 inkluż il-VAT u t-taxxi hija teknikament u amministrattivament tajba. Il-Kunsill qabel li għandu jaqbel mar-rakkomandazzjoni ffirmata mill-Perit u jiffirma l-kuntratt mal-kumpanija JGC Ltd sabiex jigi evitat aktar dewmien.

**5.0 Twaqqif tal-Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender tal-Street Furniture taħt il-Mizura 313.**

5.1 Il-Kunsill qabel li dan il-Bord għandu jkun kompost mill-Perit Eward Scerri, mill-Avukat Joshua Grech, minn Nutara Josette Spiteri Cauchi u mis-Sur Paul Zahra.

**6.0 Twaqqif tal-Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender tal-Interpretation Panel tad-Dwejra taħt il- Miżura 313**

6.1 Il-Kunsill qabel li dan il-Bord għandu jkun kompost mill-Perit Edward Scerri, mill-Inginier Mario Galea, mill-Inginier Josef Micallef u mis-Sur George Micallef.

**7.0 Attivitajiet tal-Milied**

7.1 Bħala attivta' tal-Milied għat-tfal għandu jigi organizzat festin fejn jingħatalhom rigal żgħir u jsirulhom bosta attivitajiet. Sar qbil li dan għandu jsir nhar l-Erbgħa 26 ta' Diċembru 2012 fl-10:00 ta' filgħodu.

7.2 Saret referenza għall-attivita' tal-anzjani tal-Milied u għal fatt li kienet suċċess kbir.

**8.0 Ghazla tal-istima ta' designer ghall-Interpretation Centre – Panacea**

8.1 Saret referenza ghall-quotation migbura ghall-designer li huma minghand:-

| | |
|---|---|
| Paul Stellini | €1850 |
| Meric Interiors | €1593 |
| Two Cee Interiors | €2000 (Vat exempt) |

8.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jaghzel l-orhos stima, dik ta' Meric Interiors ghall-prezz ta' €1593 inkluz il-VAT.

**9.0 Materji ohra**

9.1 Saret referenza għall-Weekend break li ġie organizzat Malta fl-aħħar *weekend* ta' Novembru bħala wieħed ta' suċċess kbir. Il-*feedback* mingħand dawk li attendew kien wieħed pożittiv ħafna u l-Kunsill qabel li għandu jerġa jorganizzah fi żmien ftit xhur oħra.

9.2 Saret referenza għal-ħtieġa ta' bieb tal-*aluminium* għal-librerija tal-Kunsill sabiex waqt il-ħinijiet tal-ftuħ tinżamm miftuħa fuq il-bieb tal-ħġieġ. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ordnat bieb sempliċi.

9.3 Saret referenza għall-evalwazzjoni tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart li nħareg bejn il-Kunsilli tal-Għarb, Għasri u San Lawrenz. Il-Kunsill qabel li għandu jassigura li jekk il-prezz mitlub mhux ser jinqasam pro rata skond in-numru ta' residenzi f'kull lokalita', għandu joħrog minn din l-offerta u jerga' joħroġha waħdu jew flimkien dak tal-Għasri.

9.4Saret referenza għall-ewwel laqgħa tal-Assoċjazzjoni tal-Ġemellaġġ li fiha ġew maħtura l-karigi ta' president li mtelgħa mis-Sur Noel Formosa, ta' Segretarju li ġie maħtur s-Sur Patrick Cassar u bħala teżoriera ġiet maħtura s-Sinjura Marceline Ellul. L-Assoċjazzjoni draftjat statut u għaddiet kopja tiegħu lil Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jintbgħatlu dan l-istatut u jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

9.5 Il-Kunsillier John Mercieca staqsa dwar meta ser tingħata t-tieni kisja ta' Triq il-Wileġ u dwar x'sar mit-talba tal-manutenzjoni tat-taraġ tad-Dwejra. Is-Sindku Anthony Formosa rrefera għaz-zjara li huwa kellu flimkien mal-Perit Alex Bigeni fuq il-post u għar-risposta

tiegħu li minħabba li s-sit huwa skedat, huwa diffiċli li jinġab permess għall-manutenzjoni mingħhajr ma jkun akkumpanjat minn studju u *method statement.* Huwa propona li proposta bħal din għanda tiġi nkluza fi pjan holistiku għad-Dwejra.

9.6 Il-Kunsilliera Rose Vella reġgħet tenniet it-talba tagħha dwar l-urgenza sabiex jinbena il-hajt tat-Triq tad-Dwejra peress li huwa ta' periklu kbir. Sar qbil li għandna nieħdu r-ritratti tal-post u nibgħatu lid-Direttur Joe Portelli biex hekk inkunu qed insaħħu t-talba tagħna.

## 10.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

10.1 Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 5/6. Il-Kunsill approva l-pagamenti.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:30 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| ***Anthony Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |